MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2014

Rikors Kongunt Numru. 596/2013

**AB**
**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

1. Illi huma izzewgu f'Malta fis-7 ta' Settembru 2007 (vera kopja tal-att taz-zwieg hawn mehmuza u mmarkata bhala Dok 'A'). Minn dan iz-zwieg ma twieldu ebda tfal;
2. Illi l-partijiet infirdu personalment permezz ta' att pubbliku in atti tan-Nutar Dottor Joseph Smith La Rosa datat 21 ta' Ottubru 2009 (vera kopja hawn mehmuza u mmarkata bhala Dok 'B');
3. Illi kif jidher minn klawsola numru tnejn (2) tal-att surriferit, il-komparenti ragel irrinunzja ghall-otteniment ta' manteniment stante li kellha u ghad ghandha impjieg fiss. Konsegwentement, il-partijiet reciprokament jiddikjaraw li

m'hemm ebda kontestazzjoni u/jew pretensjoni dwar manteniment fil-konfronti ta' xulxin;
4. Illi ma jezisti ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
5. Illi ghaldaqstant ir-rekwiziti imposti mill-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligjiet ta' Malta jinsabu ampjament sodisfatti;
6. Illi l-esponenti huma domiciljati u dejjem kienu ordinarjament residenti f'Malta;
7. Illi l-esponenti qeghdin jikkonfermaw il-kontenut ta' dan ir-rikors bil-gurament taghhom;

Ghaldaqstant in vista tal-premess talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. tippronunzja d-divorzju, ossia, l-hall taz-zwieg ikkontrattat bejniethom fis-7 ta' Settembru 2007;
2. tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien minnha stabbilit, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Dicembru, 2013;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-21 ta' Ottubru, 2009 u illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-

partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------